MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-17 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 54/2003

**Tal-General Co Ltd**

**Vs**

**Gatt Construction Ltd**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni prezentata fil-5 ta’ Gunju, 2003 li permezz taghha s-socjeta’ attrici ppremettiet li:

Peress illi s-socjeta’ konvenuta, Gatt Construction Limited, kienet inghatat is-somma ta’ ghoxrin elf liri Maltin (Lm20,000) ekwivalenti llum ghal sitta u erbghin elf hames mija u sebgha u tmenin euro u sebgha u erbghin centezmu (€46,587.47) minghand is-socjeta’ Tribag Ltd sabiex din tixtri makkinarju ghall-kostruzzjoni u tiswija tat-toroq;

Peress illi s-socjeta' konvenuta uzat dawn il-fondi ghal skopijiet ohra;

Peress illi s-socjeta' attrici Tal-General Co Ltd gie assenjat lilha l-kreditu fl-ammont fuq indikat li s-socjeta' Tribag Ltd kellha fir-rigward tas-socjeta' konvenuta;

Peress illi s-socjeta' konvenuta dejjem irrikonoxxiet lis-socjeta' attrici bhala l-kreditrici taghha u qatt ma cahdet li hija ghandha tirrifondi l-ammont imsemmi;

Peress illi s-socjeta' attrici talbet lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas l-ammont dovut diversi drabi u minkejja dan hija baqghet inadempjenti.

Peress illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tas-socjeta' attrici s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti.

Talbet ghalhekk sabiex din il-Qorti:-

1. tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' ghoxrin elf liri Maltin (Lm20,000) llum ekwivalenti ghal sitta u erbghin elf hames mija u sebgha u tmenin euro u sebgha u erbghin centezmu (€46,587.47) inkluz imghax legali mid-data li s-socjeta' konvenuta rceviet il-flus;

Bl-ispejjez u bl-imghax relatat sal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici.

Rat id-digriet moghti fis-17 ta' Lulju, 2003 li permezz tieghu s-socjeta' konvenuta nghatat id-dritt li tikkontesta l-kawza u li tipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta :

1. Illi s-socjeta’ konvenuta qatt ma kellha ebda relazzjoni ta’ kwalsiasi natura mas-socjeta’ attrici u ghalhekk ebda ammont ma huwa dovut minghand is-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici u ghalhekk dina l-kawza ghandha tieqaf hawn;

2. Illi s-socjeta’ attrici ma pprezentat ebda kuntratt ta’ assenjazzjoni ta’ kreditu mac-citazzjoni odjerna u ghalhekk ma jistghux jigu sostnuti t-talbiet taghha u ghal daqstant anke dina l-kawza ghandha tieqaf hawn;

3. Illi l-ammont pretiz mis-socjeta’ attrici mhuwiex dovut stante illi s-somma ndikata fic-citazzjoni thalset bi ftehim u qbil bejn il-partijiet u ma kienitx sabiex jinxtara xi makkinarju kif qieghed issa jigi allegat mis-socjeta’ attrici;

4. Illi l-imsemmija somma thalset ghas-servizzi provduti mis-socjeta’ konvenuta ghall-assistenza teknika u ghax-xoghlijiet li saru fi Triq Mdina, Qormi liema xoghlijiet kellhom isiru miz-zewg socjetajiet fil-kawza odjerna;

5. Illi jekk hemm xi ammont dovut lis-socjeta’ attrici dan irid jigi konstatat wara li jitnaqqsu l-hlasijiet li huma dovuti lis-socjeta’ konvenuta ghas-servizzi provduti minnha fil-fazijiet kollha sabiex setghu jittiehdu u ssiru x-xoghlijiet kollha gewwa Triq l-Imdina, Qormi.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ konvenuta.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza nkluz in-noti ta’ sottomissjonijiet li gew prezentati mill-partijiet.

Rat li fis-seduta tal-11 ta’ Gunju, 2010 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-3 ta’ Dicembru, 2010.

Rat li fis-seduta tat-3 ta’ Dicembru 2010 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-1 ta’ Frar, 2011.

Rat li fis-seduta ta' l-1 ta' Frar 2011 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-15 ta' Marzu, 20011 u li dakinhar il-kawza giet differita ghat-23 ta' Marzu 2011.

Rat li fit-23 ta' Marzu, 2011 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta' Mejju, 2011. Dakinhar il-kawza giet differita ghat-23 ta' Gunju, 2011.

Rat li fis-seduta tat-23 ta' Gunju, 2011 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-kawza odjerna s-socjeta' attrici qeghda titlob hlas ta' Lm20,000 ekwivalenti ghal €46,587.47 minghand is-socjeta' konvenuta peress li qeghda ssostni li gie assenjat lilha kreditu mis-socjeta' Tribag Limited.

Illi min-naha taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet li hija ma kellha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici; ma giex prezentat kuntratt ta' assenjazzjoni; is-somma kienet thalset ghal servizzi provduti minnha ghall-assistenza teknika u ghax-xoghlijiet li saru fi Triq l-Imdina, Qormi u stante wkoll li jekk hemm xi ammont dovut dan ghandu jigi konstatat wara li jitnaqqas l-ammont dovut lis-socjeta' konvenuta ghas-servizzi provduti minnha in konnessjoni ma' xoghlijiet gewwa Triq l-Imdina, Qormi.

Illi din il-qorti se tqis qabel kollox it-tieni eccezzjoni mressqa mis-socjeta' konvenuta li tghid hekk:

*' Illi s-socjeta' attrici ma pprezentat ebda kuntratt ta' assenjazzjoni ta' kreditu mac-citazzjoni odjerna u ghalhekk ma jistax jigi sostnut it-talbiet taghha u ghal daqstant anke dina l-kawza ghandha tieqaf hawn'*

Illi l-verzjoni tas-socjeta' attrici hija li f'xi zmien qabel Lulju 1999 kien sar diskors bejn is-socjetajiet Tribag Ltd, Penza u Gatt Construction Ltd sabiex jinxtara makkinarju li jintuza' fil-bini tat-toroq (Skyfier). Hija tghid li l-ftehim kien li dan il-makkinarju jinxtara bejn dawn it-tliet socjetajiet.

Dejjem skont is-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta kienet qed tinnegozja flimkien ma' Penza Construction ghall-akkwist ta' dan il-makkinarju. Tribag Ltd kellha tikkontribwixxi finanzjarjament ghall-akkwist tal-makkinarju u ghalhekk fit-22 ta' Lulju, 1999, is-socjeta' Tribag Ltd harget cekk favur is-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' Lm20,000. Dan ic-cekk gie msarraf. Il-makkinarju ngab Malta izda dan inzamm mis-socjeta' Penza Construction u s-socjeta' Tribag Ltd ma thallietx tuza dan il-makkinarju ghaliex Penza Construction Ltd sostniet li Tribag Ltd ma kinitx involuta bl-ebda mod fix-xiri tal-makkinarju. In vista ta' dan ix-xenarju s-socjeta' attrici ssostni li allura Gatt Construction Ltd ghandha tirrifondi l-flus lil Tribag Ltd. Is-socjeta' attrici sostniet ukoll li s-socjeta' konvenuta qatt ma cahdet lis-socjeta' Tribag ltd minn dan l-ammont u allegatament kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn is-socjeta' konvenuta sostniet li kienet se tara kif se tirrifondi dan l-ammont. Sussegwentement, dan il-kreditu gie trasferit lis-socjeta' attrici.

Illi s-socjeta' konvenuta ma taqbel xejn mal-verzjoni moghtija mis-socjeta' attrici. Infatti fl-affidavit tieghu[1], Mario Gatt, in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta, xehed li c-cekk tal-21 ta' Lulju 1999 hareg bi ftehim ma' Tribag Ltd li johorgulu pagament fuq xoghol li kien qieghed jahdmilhom. Is-socjeta' konvenuta ressqet ukoll argument fin-nota ta' sottomissjonijiet, minghajr pregudizzju ghall-argumenti l-ohra, li l-ammont pretiz kien gie mhallas permezz ta' tpacija.

Illi ghall-fini tad-determinazzjoni tat-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta jehtieg li jigi riprodott dak li rrizulta mix-xhieda li ressqet is-socjeta' attrici u dak li jirrizulta mill-atti:

- **<u>George Gatt</u>**[2] xehed li l-kumpanija Right Mix Gatt Brothers hija azzjonista fis-socjeta' attrici. Huwa kien ukoll direttur ta' Tribag Ltd. Huwa xehed li c-cekk fl-ammont ta' Lm20,000 inhareg biex jinxtara makkinarju 'Skyfier'. Il-

[1] A fol 71 tal-process
[2] Xhieda viva voce fit-23 ta' Jannar, 2004.

ftehim kien li l-makkinarju kellu jkun jappartjeni nofs lil Tribag Ltd u nofs lil Gatt Construction Ltd. In kontro-ezami biddel il-verzjoni u qal li nofsu kellu jkun tal-kumpanija konvenuta, 25% ta' Tribag Ltd u 25% Tal-General Co Ltd. Huwa qal ma jafx jekk il-makkinarju nxtarax izda li huwa zgur hu li qatt ma kellu l-fakolta' jaghmel uzu minnu. Huwa qal li gieli avvicina lil Gatt Construction Ltd u d-direttur taghha Mario Gatt qatt ma cahadlu dawn il-flus. Xehed ukoll li f'Settembru, 1999 il-kumpanija Tribag Ltd *kienet assenjat lis-socjeta' attrici x-xoghol kollu li kellha kompriz krediti u debiti.* Huwa kompla li lill-kumpanija konvenuta tramite Mario Gatt infurmaha b'dan li ma kien sab l-ebda oggezzjoni.

- **Bastjan Dalli**[3] xehed li huwa kien u ghadu direttur tas-socjeta' Tribag Ltd. Huwa xehed li s-socjeta' Tribag Ltd, is-socjeta' konvenuta u Penza Construction kienu ftehmu verbalment li jixtru makkinarju. Ic-cekk hareg pagabbli lis-socjeta' konvenuta ghax hija kienet qed tinnegozja x-xiri tal-makkinarju. Jaf li l-makkinarju ngab Malta u nzamm mis-socjeta' Penza Construction Ltd tant li meta mitluba biex is-socjeta' Tribag Ltd tuzah ma thallietx. Ix-xhud spjega li huwa personali, George Gatt u Sander Attard kellhom il-kumpanija Tribag Ltd. Fil-frattemp, huwa, George Gatt u Carmelo Spiteri kellhom il-kumpanija 'Tal-General'. Huwa kien hareg mill-kumpanija 'Tal-General' izda s-socjeta' Tribag Ltd talbet Lm20,000 minghand 'Tal-General' u ghalhekk id-dejn internament bejn il-kumpaniji kienu nqalbu fuq 'Tal-General'. Ix-xhud xehed ukoll fuq affarijiet ohra pero' ai fini ta' din it-tieni eccezzjoni mhux se ssir referenza ghalihom.

- **Carmelo Spiteri**[4] , direttur tas-socjeta' attrici, xehed hekk:

*'Mistoqsija: Jigifieri int hadt id-dejn li kellha t-Tribag, naqblu?*

*Xhud: L-ghoxrin elf lira (Lm20,000) li kellha t-Tribag.*

[3] Xhieda viva voce seduta tas-17 ta' Gunju, 2004
[4] Xhieda viva voce seduta tas-17 ta' Gunju, 2004

*Mistoqsija: Sewwa. Mela int assumejt id-dejn tat-Tribag, kienet saret xi skrittura?*

*Xhud: Ma kien hemm xejn. Jiena qaluli, hadt dawk l-ghoxrin elf lira (Lm20,000), qalu: 'Dawk suppost, dawk l-ghoxrin elf lira (Lm20,000) li xtraw l-Scalifier ma' xulxin; Penza Construction u t-Tribag u Gatt Construction'. L-ghoxrin elf lira (Lm20,000) li x'hin jiena mort mas-Sur Bastjan Dalli ghand Penza ghax Bastjan baqa' jghid sa' l-ahhar li ghandu bicca minnha. X'hin morna ghand Penza, qalilna: 'Lilkom ma nafkomx'. Cemplilna lis-sur Mario Gatt, qalilna: 'Issa nirrangaw fuq dawk il-flus'. Dik kienet l-istorja.*

*Mistoqsija: Jigifieri meta inti hadt id-dejn mit-Tribag,, hadtu int ghall-kumpanija 'Tal-General', saret skrittura bejnietkom?*

*Xhud: Ma' min?*

*Mistoqsija: Ma' Tribag?*

*Xhud: Le. Ma dakx fuqhiex u mhux l-ghoxrin elf lira (Lm20,000) ghax l-ghoxrin elf lira (Lm20,000) qalli: 'Naghtihom lit-Tribag jiena'.'*

- Fis-17 ta' Gunju, 2004 is-socjeta' attrici ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq.

- Fil-11 ta' Gunju, 2010 il-qorti ddikjarat is-smiegh tal-provi maghluq u l-partijiet inghataw terminu ghall-prezentata tan-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi.

- Fl-14 ta' Settembru, 2010 is-socjeta' attrici pprezentat rikors fejn fl-ewwel talba taghha talbet lill-qorti tawtorizzaha tipprezenta skrittura konkluza bejn Tal-General Company Limited u Tribag Limited fejn sostniet li b'mod formali gie rikonoxxut u kkonfermat li fis-sena 2002 is-socjeta' Tribag Limited kienet cediet u assenjat il-kreditu ta' €46,587.47 lis-socjeta' attrici ossija Dok TG1.

- Is-socjeta’ konvenuta ghar-ragunijiet indikati fir-risposta minnha prezentata oggezzjonat ghall-prezentata ta’ tali dokument u talbet lill-qorti tisfilza d-dokument TG1 mill-process.

- Illi fid-digriet tat-23 ta’ Marzu, 2011 din il-qorti cahdet it-talba tas-socjeta’ attrici sabiex tigi awtorizzata tipprezenta d-dokument TG1 anness mar-rikors u ordnat l-isfilz tieghu mill-atti tal-kawza.

Illi mis-suespost jirrizulta li meta nfethet il-kawza odjerna ma kien jezisti l-ebda kuntratt jew skrittura ta’ assenjazzjoni ta’ kreditu bejn is-socjeta’ Tribag Limited u s-socjeta’ attrici. Jinghad ukoll li s-socjeta’ attrici fic-citazzjoni ppremettiet *‘illi s-socjeta’ attrici Tal-General Co Ltd gie assenjat lilha l-kreditu’* u ghaldaqstant jirrizulta li s-socjeta’ attrici qeghda tibbaza l-kawza taghha proprju fuq tali assenjazzjoni.

Illi l-artikoli 1469 u 1470 tal-Kodici Civili testwalmemt jipprovdu hekk:

**‘1469.** Ic-cessjoni jew bejgh ta’ kreditu, ta’ jedd, jew ta’ azzjoni hija perfetta, u l-proprjetà taghhom tigi akkwistata *ipso jure* mic-cessjonarju, hekk kif isir il-ftehim fuq il-kreditu, fuq il-jedd jew fuq l-azzjoni u fuq il-prezz, u, barra minn meta c-cessjoni tkun ta’ jeddijiet trasferibbli bil-kunsinna tat-titolu, hekk kif isir l-att tac-cessjoni.

**1470.** (1) Ic-cessjoni ma tiswiex jekk ma ssirx bil-miktub.

(2) Ic-cessjoni ta’ jeddijiet ta’ wirt, jew ta’ krediti, ta’ jeddijiet, jew azzjoniet li gejjin minn atti pubblici, ma tiswiex jekk ma ssirx b’att pubbliku’.

Ikun utili ghalhekk li ssir referenza ghall-principji li jirregolaw dan l-istitut. Ghal dan il-ghan il-kawza fl-ismijiet **Vincent Buttigieg vs Qala St. Joseph Football Club**[5] intqal:

[5] Cit Nru: 72/2005AE deciza fl-14 ta’ Dicembru, 2007

*'Ic-cessjoni ta' krediti hi regolata mill-artikoli 1469 - 1484 tal-Kodici Civili (Kap 16). Negozju li permezz tieghu l-kreditur (cedent) jittrasferixxi d-dritt tal-kreditu lil terz (ic-cessjonarju), u bhala negozju jidhol fil-kategorija ta' atti ta' aljenazzjoni; 'la cessione ha per oggetto il trasferimento di un diritto di credito. Sotto questo riguardo il negozio si differenzia rispetto alla cessione del contratto, la quale ha per oggetto il trasferimento di un rapporto contruattuale a prestazioni non ancora eseguite, ossia la complessiva posizione di diritti ed obbligi scaturati dal contratto. In quanto la cessione del contratto comporta la sostituzione della parte tenuta all'esecuzione del rapporto, essa richiede il consenso della parte ceduta. Questo consenso non e' invece di regola necessario per la cessione del credito poiche' il cedente aliena una semplice pretes creditoria, e per il debitore ceduto e' normalmente indifferente eseguire la prestazione ad un nuovo avente diritto' (Diritto Civile, C. Massimo Bianca, Dott. A. Giuffre'Editore, 1993, Volum IV L'Obbligazione, pagna 571).Skond l-artikolu 1470 'ic-cessjoni ma tiswiex jekk ma ssirx bil-miktub'. Kitba li hi mehtiega mhux ad probationem tantum izda ad solemnitatem (ara sentenza fil-Volum XXXII.I.620)'*[6].

Hekk ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Frank Salt Real Estate Limited vs Kevin Crocford et**[7] gie ribadit li r-rekwizit li c-cessjoni tkun bil-miktub sabiex l-istess titqies legalment valida u effettiva huwa rekwizit mehtieg *ad validitatem,* b'dana li fil-kaz li tali att bil-miktub ma jsirx ma jistax jitqies li tkun sehhet cessjoni ta' kreditu, jedd jew azzjoni skond il-kaz.

Illi imbaghad l-artikolu 1471 tal-Kodici Civili jistipula li f'cessjoni ta' kreditu hi mehtiega d-denunzja lid-debitur b'att gudizzjarju sabiex ic-cessjonarju jkun jista' jezercita l-jeddijiet lilu ceduti. In-nuqqas ta' tali notifika ggib maghha certi konsegwenzi. Fis-sentenza appena succitata **Frank**

[6] Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **George Borg vs John Debono,** Appell Civili Nru: 441/1988 deciz fit-18 ta' Frar, 2003; u s-sentenza fl-ismijiet **Vincent Azzopardi vs Middle Sea Insurance Company Limited,** Appell Civili Nru: 1558/1995 deciz fis-7 ta' Lulju, 2006

[7] Avviz Nru: 508/2005GV deciz fl-10 ta' Ottubru, 2011.

**Salt Real Estate Limited vs Kevin Crocford et** gie ritenut li *'It-taghrif gudizzjarju ta' cessjoni ta' jeddijiet hu importanti ghall-fini li c-cessjonarju jista' jezercita fil-konfront ta' terzi, inkluz il-pretiz debitur, il-jeddijiet lilu ceduti, izda dan it-taghrif jippresupponi, anzi jesigi l-ezistenza ta' ftehim bil-miktub*[8]*'.*

Illi kif diga' inghad meta din il-kawza giet prezentata fil-5 ta' Gunju, 2003 ma kienet saret l-ebda cessjoni ta' kreditu bil-miktub bejn is-socjeta' Tribag Ltd u s-socjeta' attrici. Fil-fatt dan jemergi kemm mix-xhieda prodotti mis-socjeta' attrici u kif ukoll ammess fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-istess socjeta' attrici.

Izda s-socjeta' attrici nonostante li tammetti dan avvanzat argument ulterjuri. Kif diga' gie rilevat aktar 'il fuq, is-socjeta' attrici snin wara li ddikjarat il-provi taghha maghluqa u wara li l-kawza giet differita ghas-sentenza talbet permezz ta' rikors li tigi awtorizzata tipprezenta skrittura datata 30 ta' Awwissu 2010, li giet prezentata flimkien mar-rikors. Kif diga' gie rilevat tali talba giet michuda u gie ordnat ukoll l-isfilz tad-dokument ezebit.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet, is-socjeta' attrici sostniet li bhala fatt pero' c-cessjoni giet konfermata u ratifikata bil-miktub permezz ta' skrittura datata 30 ta' Awwissu 2010. Is-socjeta' attrici ssottomettiet ukoll li ghalkemm il-qorti fid-digriet taghha tat-23 ta' Marzu, 2011 cahdet it-talba taghha sabiex hija tipprezenta kopja tal-ftehim bil-miktub, johrog mic-car mid-dicitura tal-istess digriet li bejn is-socjeta' attrici u Tribag Limited effettivament hemm ftehim bil-miktub li issa qieghed jirregola din l-istess cessjoni. Ghalhekk ghalkemm mhux kontestat li *quod non est in acto non est in mundo,* skont l-istess socjeta' attrici, ladarba mill-atti, b'mod partikolari fid-digriet tat-23 ta' Marzu, 2011 hemm referenza cara ghal din l-iskrittura ma jistax ikompli jinghad li c-cessjoni ma saritx bil-miktub. Ghalhekk skont is-socjeta' attrici giet sanata fil-mori ta' dawn il-proceduri abbazi tal-principju tal-*Jus*

---

[8] Ara **Emmanuela Sive Lily Schembri v. Marco Aroyo,** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Dicembru 1949, Vol XXXIIIE.II.446

*Superveniens.* Inoltre' s-socjeta' attrici targumenta li s-socjeta' konvenuta kienet taf b'din l-assenjazzjoni u ma sabet l-ebda diffikulta' dwarha.

Illi dan l-argument huwa wiehed fallaci :

- Fid-digriet taghha tat-23 ta' Marzu, 2011 il-qorti m'awtorizzatx lis-socjeta' attrici biex tipprezenta l-iskrittura, anzi ordnat l-isfilz ta' l-istess dokument TG1. Dan id-dokument ghalhekk mhux parti mill-atti processwali u proprju kif qalet is-socjeta' attrici *quod non est in acto non est in mundo.*

- Il-fatt li l-qorti semmiet x'kienet l-iskrittura privata ma jfissirx li din tista' titqies bhala xi prova a favur ta' l-istess socjeta' attrici.

- Illi kien jinkombi fuq is-socjeta' attrici li ggib l-ahjar prova sabiex issostni l-pretensjonijiet taghha. L-ahjar prova ma ngabitx peress li l-ahjar prova kellha tkun l-iskrittura li permezz taghha allegatament saret ic-cessjoni tal-kreditu. Il-fatt wahdu li din l-iskrittura ssemmiet certament li ma jistax jinghad li hija prova li sehhet cessjoni ta' kreditu skont il-ligi. Kif diga' inghad minn din il-qorti ma kien hemm xejn li jzomm lis-socjeta' attrici biex tiehu l-passi li kellha tiehu qabel m'ghalqet il-provi taghha.

- Il-qorti ma tistax abbazi biss li dokument jissemma tiddeciedi li pretensjoni giet pruvata. Jehtieg li l-qorti tiehu konjizzjoni tad-dokument partikolari u tezaminah. Fil-kaz inkwistjoni l-qorti riedet tassigura ruhha li r-rekwiziti ta' l-artikolu 1469 tal-Kodici Civili gew sodisfatti.

- Inoltre' kif diga' rrilevat din il-qorti fid-digriet taghha tat-23 ta' Marzu, 2011, anki li kieku kien hemm l-awtorizzazzjoni sabiex tigi ezebita l-iskrittura, il-prezentata tad-dokument m'hijiex bizzejjed bhala prova ghaliex id-dokument mhux wiehed minn dawk elenkati fl-artikoli 627 u 629 tal-Kap 12.

- Il-principju ta’ *Jus Superveniens* lanqas ma jista’ jigi applikat ghall-kaz inkwistjoni. Din il-qorti m’ghandhiex fl-atti prova li l-allegata cessjoni ta’ kreditu saret effettivament bil-miktub u in ottemperenza ma’ l-artikolu 1469 tal-Kodici Civili. Il-punt tat-tluq ghall-pretensjoni avvanzata mis-socjeta’ attrici hija prova li c-cessjoni tal-kreditu saret bil-miktub. Dan huwa rekwizit *ad validitatem*. Minghajr tali prova l-kawza tas-socjeta’ attrici ma tistax tirnexxi.

- Fl-ahharnett is-socjeta’ attrici targumenta li s-socjeta’ konvenuta kienet taf bl-assenjazzjoni u ma sabet l-ebda diffikulta’ dwaru. M’hemmx dubju li s-socjeta’ attrici gabet ‘il quddiem dan l-argument biex ixxejjen l-artikolu 1471 tal-Kodici Civili li jipprovdi li c-cessjoni ta’ kreditu ghandha tigi notifikata lid-debitur, izda skont l-artikolu 1474 din it-taghrifa mhix mehtiega jekk id-debitur ikun accetta c-cessjoni. Izda f’dan il-kaz meta l-kawza nfethet ma kien sar xejn bil-miktub u ghalhekk ma kienitx sehhet cessjoni ta’ kreditu skont il-ligi u kwindi zgur ma jistax jigi argumentat li s-socjeta’ konvenuta accettat ic-cessjoni.

Ghalhekk jirrizulta li l-premessa fuq liema s-socjeta’ attrici tibbaza l-azzjoni taghha fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta ossija li l-allegat kreditu li s-socjeta’ Tribag Ltd kellha fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta gie cedut favur taghha ma tirrizultax debitament ippruvata.

Stabbilit dan il-punt huwa evidenti li ma huwiex il-kaz li jigu ttrattati l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mis-socjeta’ konvenuta u ghaldaqstant il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghhom.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ l-ewwel, tat-tielet, tar-raba’ u tal-hames eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta’ konvenuta, tilqa’ t-tieni eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta u ghalhekk tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez a karigu tas-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------